**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 155/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Annunziato Polidano**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant, Annunziato Polidano, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 691635M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Novembru, 2011, u kif ukoll fil-granet u x-xhur ta' wara, fir-raba maghrufa bhala Ta' Germun u Tal-Geddum, fil-limiti ta' Hal Safi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Carmen Polidano fil-pussess ta' hwejjigha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Annunziato Polidano hati tal-akkuza u kkundannatu ghall-multa ta' tlett mitt ewro (€300) u ordnatlu jirriprestina dak li allegat il-kwerelanti Carmen Polidano u dan taht id-

direzzjoni tal-Perit Valerio Schembri fi zmien tlett (3) xhur u fin-nuqqas ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Annunziato Polidano, ipprezentat fit-30 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tannulla s-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-esponenti mid-dritt ta' 'doppio esame' tordna lir-Registratur jibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex terga' tisma mill-gdid ix-xhieda tal-istess kwerelanta Carmen Polidano, liema xhieda ghandha tigi debitament traskritta u l-appellant jerga' jitpogga fl-istat li kien fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2012, ossia qabel ma xehdet il-kwerelanta;
2. Fin-nuqqas illi l-ewwel talba tigi milqugha, li tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;
3. Fl-eventwalita' li l-ebda wahda mit-talbiet tal-appellant ma tigi milqugha li tirriforma l-piena ghal wahda iktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet il-provi.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi preliminarjament l-appellant iqanqal il-pregudizzjali dwar in-nullita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u dan ghaliex ix-xiehda moghtija mill-

kwerelanti Carmen Polidano ma gietx irregistrata u ma tinsabx traskritta in atti. Jishaq illi din il-Qorti hija prekluza milli tisma' x-xhieda mill-gdid.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwerelanti xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2012[1], liema xiehda ma gietx irregistrata u traskritta. Il-kwerelanti reġgħet iddeponiet quddiem l-espert nominat mill-Ewwel Qorti, l-Perit Valerio Schembri, fejn eżebiet xi dokumenti u ġiet anki kontro-eżaminata.

Illi l-Qorti minghajr tlaqliq tqies illi dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh u dan ghaliex l-ebda irregolarita' ma hi ravvizata billi l-Ewwel Qorti osservat id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirregolaw l-andament tal-kawzi sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali taghha.

Illi l-artikolu 376(1)(b) jiddisponi hekk:

> **"l-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur inizzel .... s-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, <u>meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet</u> u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba."** (sottolinjar tal-Qorti)

Ikompli hekk l-artikolu 376 fis-sub-inciz (2) u (3) tieghu:

> **In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.**
>
> **In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) <u>ma jagħmilx null il-proċediment</u>; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, <u>f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi</u>, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu."** (sottolinjar tal-Qorti).

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, b'mod specjali dak li jipprovdi is-sub-inciz (3) tieghu, ghandu johrog illi xejn ma jzomm lil din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni milli tisma' x-xhieda mill-gdid li jkunu gja instemghu. Illi

[1] Folio 8 tal-atti proċesswali fil-proċess kontra Annunziato Polidano.

mhux biss izda l-ligi hija cara meta tipprovdi illi ma hemm ebda irregolarita' meta d-deposizzjoni tax-xhieda ma tigix traskritta jew meta l-magistrat ma jkunx ha n-notamenti kif hemmhekk infraskritt. Fuq kollox jithalla fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk ghandhomx jittiehdu dawn n-notamenti jew inkella ghandux isir hekk meta jkun hemm talba mill-partijiet, haga li ma tirrizultax mill-atti illi saret.

Di fatti hekk qalet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Therese Spiteri' deciza fit-2 ta' Novembru 2007 f'sitwazzjoni analoga fejn gie imqanqal aggravju dwar ix-xiehda ta' xhud li quddiem l-Ewwel Qorti ma setax jiftakar id-data meta ma inghatax access ghal ibnu, imbaghad ftakarha meta xehed fi stadju ta' revizjoni:

> **"f'kawzi sommarji fejn id-deposizzjoni ma tigix traskritta, ix-xhieda jergghu jinstemghu *de novo* minn din il-Qorti."**

Fuq kollox hija wahda mill-funzjonijiet tal-Qorti illi fid-diskrezzjoni taghha tezamina il-kredibilita tax-xhieda li jiddeponu quddiemha, liema ezami jista' isir b'mod akkurat iktar meta dak ix-xhud jixhed *viva voce* quddiemha, u dan dejjem bid-dritt tad-difiza li tirregola dik id-deposizzjoni bil-jedd tal-kontro-ezami. Infatti din il-Qorti semgħet id-deposizzjoni tax-xhud Carmen Polidano quddiemha nhar il-15 ta' Lulju 2020 fejn anke sarilha il-kontro-ezami mid-difiza. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Sorvolat dan l-aggravju preliminari marbut mal-validita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, irid jigi necessarjament ittrattat aggravju gdid imqanqal issa fi stadju ta' revizjoni u li ma jinsabx rifless fir-rikors tal-appell. L-appellant jishaq illi l-akkuza lilu addebitata ma tistax treġi fid-dawl tal-fatt illi ż-żmien indikat fl-akkuża ma jikkombaċjax maż-żmien meta seħħ l-att inkriminatorju. Jishaq illi r-reat ta' ragion fattasi li huwa ta' natura kommissiva u li allura jinvolvi azzjoni pozittiva da parti ta'l-agent gie indikat

fic-citazzjoni li sehh zmien wara dak iz-zmien indikat fil-provi li hemm fl-atti.

Illi huwa indubitat illi fiz-zmien indikat fl-akkuza l-allegat stat anti guridiku kien fis-sehh. Mhux biss izda miz-zmien meta saret l-ewwel kwerela tad-29 ta' Novembru 2011, allegatament l-appellant kompla jippersisti f'dan l-istat anti-guridiku, anzi allegatament kompla jaghmel azzjonijiet ohra kommissivi fl-istess raba. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti iz-zmien indikat fl-akkuza meta sehh l-konsumazzjoni tar-reat kien ikun vitali sabiex tirnexxi l-azzjoni penali meta dak ir-reat ikun ta' natura istantanja immaterjalment jekk l-effetti ta'l-istess att kriminuz humiex ta' natura permananti o meno.

Issa ir-reat ta' ragion fattasi, ghalkemm inizzjat b'att pozittiv jew negattiv li iwassal ghal konsumazzjoni tieghu, madanakollu ma jistax jinghad illi dak ir-reat ghandu jitqies bhala wiehed istantanju gjaldarba l-azzjoni kriminali ma tigiex ezawrieta ghaliex il-konsumazzjoni tieghu jibqa' fis-sehh kemm il-darba l-agent b'azzjoni tieghu voluta u pozittiv ma iwaqqafx dak l-istat antiguridiku maghmul minnu biex b'hekk ir-reat jassumi karattru ta' natura permanenti u mhux iktar istantanju.

Illi d-distinzjoni fina bejn in-natura tar-reat istantanju u permanenti gew definiti f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza Il-Pulizija vs Carlo Stivala (deciza 20/09/2007) fejn gie hekk deciz:

> **"Il-kriterju jew kriterji li toffri d-duttrina ghalbiex jigi deciz, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, jekk ir-reat hux wiehed istantanju jew permanenti gew imfissra mill-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qorti talMagistrati) fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 1960 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri . F'din is-sentenza, il-kompjant Imhallef Guze` Flores kien qal hekk:**
>
> **"...fir-reat istantanju, fil-mument stess li jikkonkorru l-elementi kostituttivi tieghu, ir-reat huwa konsumat u ezawrit, allavolja jibqghu l-effetti tal-vjolazzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz ta' omicidju, lezjonijiet personali, serq. Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, listess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa' stat ta' konsumazzjoni sa kemm jibqa' filpoter tal-agent li jwaqqaf, b'mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta' sekwestru tal-persuna, pussess illegali**

**ta' armi. Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni taljana (Repertorio, 1952, col. 2300): 'Il reato istantaneo con effetto permanente si concreta in un unico atto di volonta` seguito da una situazione antigiuridica che si protrae indipendentemente da un ulteriore atto volitivo dall'agente: mentre nel reato permanente la volonta` criminosa, perdurante oltre il primo momento consumativo del reato, puo` essere fatta cessare dalla stessa volonta` del soggetto attivo.'"**

Dan ifisser allura illi ghalkemm huwa minnu illi z-zmien indikat fic-citazzjoni (li f'dan il-kaz iservi bhala avvizo da comparire) ma jindikax b'mod preciz l-ewwel mument tal-konsumazzjoni tar-reat, madanakollu billi l-konsumazzjoni tal-istess baqa' fis-sehh bl-appellant jippersisti fl-istat antiguridiku allegatament minnu ikkrejat meta jibqa' isostni illi ghandu dritt jippersisti fl-agir tieghu, u billi wkoll allegatament baqa' jikkometti atti ohra vjolattivi tad-drittijiet tal-kwerelanti, iwassal sabiex ir-reat fl-istat permanenti tieghu baqa' fis-sehh anke fiz-zmien indikat fic-citazzjoni.

Illi l-akkuża miġjuba fil-konfront tal-appellant tindika bħala żmien meta sehh l-allegat reat bhala dak tad-29 ta' Novembru 2011 kif ukoll il-ġranet u x-xhur ta' wara din id-data. Din id-data tikkombaċċja mad-data tal-ewwel kwerela illi giet mibghuta lill-pulizija f'liema kwerela issir referenza għal ittra oħra datata l-15 ta' Novembru 2011 u ċioe madwar ġimgħatejn qabel. F'din il-kwerela jigi allegat illi komplew isiru ħsarat fir-raba tal-kwerelanti kemm minn Annunziato Polidano kif ukoll minn ibnu, tant illi l-ewwel kwerela uffiċjali ġiet segwita b'żewġ kwereli oħra datati l-15 ta' Diċembru 2011 u l-4 ta' Jannar 2012 fejn f'kull waħda minn dawn il-pulizija kienu qedgħin jiġu nfurmati b'xogħolijiet addizzjonali illi kienu qegħdin isiru fir-raba tal-kwerelanti u fejn konsegwentement il-pulizija kienu qedgħin jiġu nterpellati sabiex jieħdu l-proċeduri appożiti.

Illi issir referenza ghal dawn il-kwereli ukoll fl-affidavit tas-Surġent PS879 Josef Galea, fejn hemm indikata d-data meta dawn il-kwereli waslu l-għassa, liema data tikkombaċċja wkoll mat-timbru li jinstab fuq il-kwereli n kwistjoni iżda li jġorru d-dati preċedenti kif hawn fuq indikati.[2] Jidher allura illi l-ksur allegat mill-kwerelanti baqa' ghaddej tant illi x-xogħolijiet illi

[2] Il-kwereli uffiċjali jinstabu inseriti fil-proċess fl-ismijiet Pulizija vs Annunziato Polidano li nstema kontestwalment ma dan il-każ filwaqt illi l-affidavit jinstab f'entrambe l-proċessi.

allegatament saru bi ksur tal-liġi fir-raba tagħha żdiedu tul iż-żmien tal-kwereli stess u fejn l-effetti ta' dawn ix-xogħolijiet, dejjem allegatament, baqghu jinħassu mill-istess kwerelanti li tilmenta li kienet qed tigi mċaħħda mill-uzu tar-raba tagħha u ta' bir komuni li hemm f'din ir-raba.

Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma illi dan l-aggravju ma jreġġix u għaldaqstant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi finalment jifdal biex jigi trattat l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta l-appellant jishaq illi fil-fattispecje tal-kaz esposti in prim'istanza l-elementi ta' dritt mehtiega sabiex jissussisti r-reat ta' *raggion fattasi* ma jinsabux sodisfatti. Dan jgħidu peress illi l-prosekuzzjoni ma resqitx prova ta' pussess jew titolu f'idejn l-kwerelanti tal-propjeta' mertu tal-kaz u wkoll illi ma saritx il-prova tal-element formali tar-reat.

Illi minn ezami tal-atti jirriżulta illi nhar il-21 ta' Diċembru 2011 l-għassa taż-Żurrieq irċevew żewġ kwereli datati rispettivament id-29 ta' Novembru 2011 u l-5 ta' Diċembru 2011 fejn l-kwerelanti Carmen Polidano allegat illi hi sofriet danni volontarji fir-raba' u kmamar li għandha f'ta Ġermun l/o Ħal-Far u dan allegatament meta l-appellant waqqa' l-ħitan, kisser katnazzi, kisser serraturi, fetaħ bieb ta' għalqa u waddab ġebel fl-għalqa, apparti li ghamel hsara f'siġra tal-ħarrub li hija protetta bil-liġi. Tallega ukoll fit-tieni kwerela illi Annunziato Polidano għamel ħsara volontarja direttament jew indirettament flimkien ma' ibnu Roque Polidano, meta dawn fetħu kontra r-rieda taghha bibien fir-raba u saħansitra serqu siġar taż-żebbuġ. Meta ġie mitkellem Annunziato Polidano, hu allega illi Carmen Polidano kienet miżżewġa lil ħuh illum mejjet, izda kien ilu prokuratur ta' dawn l-artijiet li huma reġistrati fuqu ghal dawn l-ahhar erbghin sena.

Fl-20 ta' Jannar 2012 imbaghad saret kwerela ohra u li in forza ta'l-istess ittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-appellant u ibnu Roque Polidano ghar-reat mahsub fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali billi kien qed jigi

impedut l-access tal-kwerelanti ghar-raba li allegatament kien fil-pussess taghha bl-azzjonijiet taghhom. Dawn it-tnejn baqghu jippersistu fl-agir taghhom meta jsostnu illi huma kellhom id-dritt jaghmlu x-xogholijiet inkriminatorji peress illi r-raba tappartjeni lilhom.

Illi ir-reat ta' raggion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 taI-Kapitolu 9, bl-elementi tar-reat diversi drabi ribaditi fil-gurisprudenza tal-qrati taghna bhala dawk is-segwenti:

> **a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
>
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
>
> **c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
>
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**
>
> **Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[3].**

Issa ghar-rigward tal-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti anke meta l-vittma tar-reat tkun tgawdi minn sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Infatti skond il-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas[4], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela**

---

[3] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[44] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

**l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**

**Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Ukoll fl-appell il-Pulizija vs John Vassallo[5], il-Qorti qieset illi

**'Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Fl-istess vena fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Micallef ingħad is-segwenti:

**Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.**

**Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet civili incidentali ghar-risoluzzjoni tal-vertenza penali.**

[5] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

**Ikkunsidrat:**

Issa minn ezami tal-atti ghandu jemergi illi permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni illi saret fuq l-artijiet mertu ta' dawn il-proceduri datata l-4 ta' Ġunju 1990 hemm indikat il-qsim taż-żona magħrufa bħala Tal-Geddum, u fejn fost l-inkwilini hemm indikati kemm l-appellant kif ukoll Carmelo Polidano u martu Carmela nee' Zammit, l-kwerelanti f'dawn il-proċeduri. Dan ifisser illi sahansitra mis-sena 1990 'il quddiem, kemm l-appellant kif ukoll il-kwerelanti u zewgha, illum defunt, kienu jgawdu b'titolu ta' lokazzjoni porzjon tal-għelieqi n kwistjoni. Issa kemm il-kwerelanti kif ukoll bintha Pauline Polidano jixhdu illi huma minn dejjem kellhom id-dritt ta' uzu u tgawdija fuq din ir-raba', jew ghallinqas fuq il-porzjon assenjata lilhom. Dan l-uzu u tgawdija izda gie imxekkel meta inbena hajt u saret xatba *ex admissis* mill-appellant Annunziato Polidano ghaliex fil-fehma tieghu huwa ghandu jedd fuq ir-raba kollu kemm dik il-porzjon assenjata lilu kif ukoll dik assenjata lir-ragel tal-kwerelanti illum mejjet. Ix-xhud Alexander Cauchi fil-fatt jixhed illi l-appellant stqarr illi huwa jrid lil kwerelanti u l-familja taghha johorgu minn din ir-raba ghalkemm jaf ben tajeb li sa minn zmien ili hu kien jahdem din ir-raba mar-ragel tal-kwerelanti u dan kif anke jixhed ix-xhud Antonio Polidano.

Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-appellant qed jippretendi dritt fuq l-art tal-kwerelanti, tant illi hu jikkonferma fix-xiehda tieghu quddiem il-perit tekniku l-Perit Valerio Schembri li kien hu li għamel ix-xogħolijiet inkriminatorji ghaliex dehrlu, kif inghad, illi huwa ghandu jedd fuq din il-proprjeta'. In oltre skond dak illi xehdet il-kwerelanti quddiem din il-Qorti bil-hajt li inbena u x-xatba msakkra b'katnazz hija ġiet prekluża milli tuża jew taċċedi għar-raba tagħha peress illi kemm l-appellant kif ukoll ibnu Ronnie għamluh tagħhom. Hija prekluza ukoll milli tuza bir li kien komuni peress illi anke hawn saret bieb b'cavetta minn naha tal-appellant u ibnu. Kwindi għal dak li jirrigwarda l-element tal-pretensjoni tad-dritt dan ġie ppruvat.

**Ikkunsidrat:**

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm l-appellant ma iressaq ebda motiv li abbazi tieghu din il-Qorti tista' tikkonsidra din il-lanjanza, jinghad illi l-piena hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u hija ekwa u ġusta fic-cirkostanzi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha bit-terminu ta' tlett xhur indikat mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali ghandu jibda' jiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur